# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 22**

**Mandat ta' Sekwestru Esekuttiv numru 1087/2015LSO**

**Avukat Stephen Muscat bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera *Seaboard Overseas Limited***

***v.***

**Imħallef Emeritus Philip Sciberras bħala kuratur *ad litem* ta' *Nero Shipmanagement Limited*; u b'digriet tal-15 ta' Lulju 2016 giet revokata n-nomina tal-Imhallef Emeritus Dr Philip Sciberras u gie nominat bhala sostitut l-Avukat Kris Borg**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà *Rema Maritime Limited* ["*Rema*"], sek-westratarja, minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru 2018 taħt id-disposizzjonijiet tal-art. 378 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li bih *Rema* ġiet ordnata illi tiddepożita mar-reġistratur tal-qrati l-flus minnha dovuti lis-soċjetà

sekwestrata *Nero Shipmanagement Limited* ["*Nero*"]. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. Fit-8 ta' Lulju 2015 fuq talba ta' *Seaboard Overseas Limited* ["*Seaboard*"] inħareġ mandat ta' sekwestru esekuttiv kontra *Nero* għal mitejn u tlittax-il elf, sitt mija u disgħa u tmenin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€213,689.46) b'kollox. *Rema* ġiet notifikata b'dan il-mandat bħala sekwestratarja fl-10 ta' Lulju 2015 u dakinhar stess b'nota iddikjarat illi "ma għandhiex flus jew ħwejjeġ tas-soċjetà sekwestrata [*Nero*]".

3. Dak iż-żmien kienu għaddejjin proċeduri ta' arbitraġġ barra minn Malta bejn *Nero* u *Rema*. Taħt il-kondizzjoniijet ta' *escrow agreement* li kien sar bejn *Nero* u *Rema* fis-7 ta' Ottubru 2011 (*i.e.* qabel il-ħruġ u notifika tal-mandat ta' sekwestru) *Rema* kienet iddepożitat f'idejn is-soċjetà *North of England P& I Association Limited* ["*North*"] bħala *escrow agent* somma biex tagħmel tajjeb għal dak li *Rema* setgħet eventwalment tiġi kundannata tħallas lil *Nero* taħt il-*lodo* arbitrali. Ġara li b'*lodo* tat-13 t'Awissu 2015 u b'ieħor tal-21 ta' Diċembru 2015 *Rema* ġiet kundannat tħallas lil *Nero* erba' mija u wieħed u tletin elf, mitejn u tnejn u għoxrin dollaru amerikan u tmienja u ħamsin *cent* ($431,222.58). Din is-somma tħallset minn *North*, l-*escrow agent*, lil *Nero*. Fl-*escrow account* fadal bilanċ ekwivalenti għal sitta u għoxrin elf, mitejn u disgħa u tmenin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€26,289.91) u b'ċedola tal-21 ta' Jannar 2016 *Rema* iddepożitat

somma daqs dan il-bilanċ (għalkemm mhux mill-flus li kien fadal fl-*escrow account*) fl-atti tal-mandat ta' sekwestru.

4. Imbagħad b'rikors tad-29 ta' April 2019, li bih infetħu l-proċeduri tallum, *Seaboard* talbet illi l-qorti tordna lil *Rema* "tiddepożita d-differenza bejn is-somma tal-mandat ta' sekwestru odjern u s-somma depożitata biċ-ċedola tal-21 ta' Jannar 2016, u bl-imgħax minn dakinhar li *Rema Maritime Limited* kellha tiddepożita s-somma sekwestrata, u dana a tenur tal-artikolu 378 tal-Kap. 12".

5. L-ewwel qorti laqgħet it-talba ta' *Seaboard* għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Illi permezz tar-rikors odjern, is-soċjetà rikorrenti (*Seaboard*) talbet li jiġi ordnat lis-soċjetà *Rema Maritime Limited* (*Rema*) bħala sekwestratarja fil-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 1087/15 fl-ismijiet premessi sabiex tiddepożita d-differenza bejn is-somma likwidata fil-mandat u s-somma depożitata biċ-ċedola tal-21 ta' Jannar 2016, u bl-imgħax minn dakinhar, *stante* li *Rema Maritime Limited* kellha l-obbligu tiddepożita s-somma sekwestrata.
>
> »Illi l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq id-disposizzjonijiet tal-artikolu 378 tal-Kap. 12 li jobbliga lis-sekwestratarju sabiex, taħt sanzjoni ta' responsabbiltà għad-danni u spejjeż, u saħansitra taħt sanzjoni ta' arrest personali, jiddepożita l-flus u ħwejjeġ li għandu f'idejh appartenenti lid-debitur sekwestrat.
>
> »Illi b'digriet ta' din il-qorti tat-12 ta' Jannar 2016 fuq rikors tad-19 ta' Ottubru 2015 fl-atti tal-istess mandat, u fl-istess ismijiet premessi gie ordnat u deċiż minn din il-qorti:
>
>> »"Illi għalhekk għal dawn il-motivi din il-qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eċċezzjonijiet limitatament billi tordna lil *Rema Maritime Limited* sabiex tiddepożita kopja legali tal-*lodo* arbitrali finali fl-atti ta' dan il-mandat fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa mid-data li jingħata taħt sanzjoni ta' disprezz u dana salv u effettiv l-obbligu li l-istess soċjetà tiddepożita s-somom li talvolta tiġi kkundannata tħallas lid-debitur sekwestrat skont il-liġi *entro* l-limiti tas-somma kawtelata bil-mandat premess."
>
> »Illi l-intimat *ossia* d-debitur, *Nero Shipmanagement Limited* (*Nero*), wieġeb li din il-kumpannija ma tħallsitx xi flus mis-soċjetà *Rema Maritime Limited* u billi r-rikors odjern jirrigwarda s-soċjetà sekwestratarja, m'għandux x'iwieġeb għar-rikors odjern.

»Illi *Rema* wieġbet *a fol.* 15 fejn oġġezzjonat għad-digriet premess kif ukoll għat-talba mertu tar-rikors odjern. Dwar it-talba saħqet li din il-qorti għandha tisma' l-provi kollha inkluż dawk dwar il-liġi ingliża li hija l-liġi applikabbli għall-proċeduri ta' arbitraġġ u għall-*escrow account.* Irriteniet li ma kinitx fil-pussess u kontroll tal-flus li kienu ġew depożitati f'dan il-kont tal-*escrow* skont il-ftehim ta' *escrow* esebit bħala Dok A f'dawn l-atti, liema flus kienu soġġetti għall-ġurisdizzjoni ingliża u għal-liġi ingliża.

»Illi fil-mertu eċċepiet li ma kellhiex flus appartenenti lid-debitur fiż-żmien tan-notifika u s-somma ta' USD459,988.58 kienet depożitata f'*escrow account* soġġett għall-ftehim ta' *escrow* imsemmi datat is-7 ta' Ottubru 2011 bejn l-istess partijiet imsemmija (*Rema* u *Nero*) u l-*escrow agent,* is-soċjetà *North of England P & I Assoċiation Ltd* ('il quddiem imsejjah '*North*'). Is-soċjetà *Rema Maritime Limited* eċċepiet li m'għandhiex kontroll u pussess fuq dan il-kont. Dan il-ftehim huwa soġġett għall-gurisdizzjoni tal-qrati inglizi u għal-liġi ingliża u b'effett tal-istess kwalunkwe flus li setgħu jithallsu lid-debitur kienu f'idejn l-*escrow agent.*

»Il-fatti li joħorġu mill-atti huma s-segwenti.

»Illi huwa paċifiku li s-soċjetà rikorrenti għandha titolu esekuttiv kontra *Nero Shipmanagement Limited*.

»In segwitu s-soċjetà rikorrenti ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv kontra l-intimat *Nero* (mandat ta' sekwestru nru 1087/15) in kawtela tal-ammont ta' €181,715.65 *sorte*, €30,879.99 imgħax, u €1,093.82 spejjez, b'kollox €213,689.46, rapprezentanti ammont dovut f'esekuzzjoni ta' *partial final award and final arbitration award as to costs* mogħtija rispettivament fit-13 ta' Ġunju 2013 u fis-7 ta Awissu 2013 ġewwa Londra resi esekwibbli ġewwa Malta wara li ġew reġistrati maċ-Ċentru dwar l-Abritraġġ ta' Malta a tenur tal-art. 74 tal-Att dwar Arbitraġġ"*.*

»Il-mandat ġie notifikat lis-sekwestratarja fl-10 ta' Lulju 2015 u b'nota fl-istess data l-istess soċjetà sekwestratarja iddikjarat li m'għandhiex ħwejjeġ jew flus tas-soċjetà sekwestrata.

»B'rikors intavolat quddiem din il-qorti fid-19 ta' Ottubru 2015 (rik. numru 996/15/LS0) is-soċjetà kreditriċi talbet lil dina l-qorti tordna lis-soċjetà *Rema Maritime Limited* bħala sekwestratarja fil-mandat ta' sekwestru esekuttiv imsemmi numru 1087/15 sabiex tagħti dik l-informazzjoni kollha rilevanti għall-istess mandat.

»Illi in segwitu ngħata d-digriet suċitat minn din il-qorti fit-12 ta' Jannar 2016.

»Illi jirriżulta paċifiku li meta ġie intavolat il-mandat odjern kien hemm proċeduri arbitrali oħra pendenti f'Londra bejn id-debitur sekwestrat *Nero* u s-sekwestratarju *Rema* fejn is-sekwestrat kien qed ifittex kundanna għall-ħlas ta' danni. Għalhekk, ir-rikorrent odjern ippretenda li skont x'ikun l-eżitu ta' dawn il-proċeduri li qed jittieħdu fl-esteru seta' jirriżulta li s-sekwestratarju *Rema Maritime Limited* tiġi kkundannata tħallas lil *Nero Shipmanagement Limited* ammont likwidat bħala danni. F'tali każ issottometta li jkun evidenti li l-ammont dovut lid-debitur b'konsegwenza tal-*lodo* finali għandu jinġabar fix-xibka tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv *de quo.*

»Illi ġara li in segwitu għad-digriet imsemmi, is-soċjetà *Rema Maritime Limited*, permezz ta' ċedola ta' depożitu datata 21 ta' Jannar 2016 fl-atti tal-mandat odjern, filwaqt li għamlet referenza għal żewġ *awards* arbitrali wieħed tat-13 ta' Awissu 2015 u ieħor tal-21 ta' Diċembru 2015 li bihom l-istess soċjetà *Rema Maritime Limited* ġiet ikkundannata tħallas lis-soċjetà *Nero Shipmanagement Limited* is-somma ta' USD459,896.99, iddepożitat favur ir-rikorrenti odjerna s-somma ta' USD28,674.41 għar-raġunijiet imsemmija fl-istess ċedola.

»Illi r-raġuni mogħtija għaliex ġiet depożitata s-somma indikata biss, u mhux ammont rappreżentanti s-somma fl-intier tagħha kif likwidat fil-mandat, kienet li kien ġie ffirmat *escrow agreement* datat 7 ta' Ottubru 2001 bejn dawk l-istess soċjetajiet li abbażi tiegħu sar *bank transfer* mill-*escrow agent* skont l-istess *escrow agreement* lin-*Norwegian Hull Club,* tas-soċjetà *Nero Shipmanagement Ltd*, fl-ammont ta' USD431,222.58.

»Illi jirriżulta wkoll li s-soċjetà sekwestratarja ġiet ikkundannata permezz taż-żewġ *final arbitration awards* premessi sabiex tħallas lis-soċjetà *Nero Shipmanagement Limited* is-somma ta' USD459,896.99.

»Illi mir-risposta tas-soċjetà sekwestratarja jirriżulta li l-*escrow agent* ħallas lid-debitur is-somma ta' USD431,222.58 u b'hekk kien fadal bilanċ fil-kont ta' USD28,674.41 li ġie depożitat fl-atti tal-mandat.

»Illi l-partijiet rispettivi esibew provi dokumentarji rigward il-*lodi* arbitrali kif ukoll *affidavits* u opinjonijiet legali *ex parte* ta' avukati barranin rigward l-interpretazzjoni tal-liġi ingliża applikabbli għall-ftehim tal-*escrow* bejn is-soċjetà debitriċi u s-sekwestratarja. Għandu jiġi osservat li kien hemm qbil bejn il-partijiet li kienet il-liġi ingliża li kellha tirregola l-ftehim tal-*escrow*.

»Illi bi qbil mad-difensuri tal-partijiet din il-qorti b'digriet tal-12 ta' Settembru 2017 innominat lill-Professur Charles Debattista bħala espert fil-liġi ingliża sabiex "ifittex u jirrelata dwar il-punti legali mertu ta' dawn il-proċeduri li ġew indirizzati mill-esperti *ex parte* tal-partijiet". Il-qorti għamlet xi mistoqsijiet lill-espert li ser jiġu trattati wieħed wieħed mar-risposta relattiva tiegħu. Ir-rapport tiegħu jinsab esebit *a fol.* 262 tal-proċess, datat il-15 ta' Novembru 2017.

> »Q. 1: "Jekk is-sekwestratarja *Rema Maritime Limited* kellha fil-pussess tagħha flus/oġġetti appartenenti lis-soċjetà sekwestrata *Nero Shipmanagement Ltd* (id-debitur) meta s-soċjetà rikorrenti ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru ssekuttiv 1087/15 fis-6 ta' Lulju 2015, notifikat lis-sekwestratarja fl-10 ta' Lulju 2015.
>
> »R: "i) between 6 and 17 July 2015, it was not possible to say whether goods or moneys in *Rema*'s possession belonged to *Nero.*"

»Fil-konsiderazzjonijiet tiegħu l-espert sab li: "*As far as concerns the funds in the escrow account, as we shall see later in this opinion, these were in the possession of* North *as escrow agent and not in* Rema*'s possession*".

> »Q. *2.* "Jekk sussegwentement għall-ħruġ ta' tali mandat l-istess soċjetà *Rema Maritime Limited* giet[x] fil-pussess ta' flus/oġġetti appartenenti lid-debitur imsemmi b'konsegwenza għal-*lodo* arbitrali tat-13 ta' Awissu 2015.

»R: "(ii) after 13 August 2015, *Rema* was in possession of moneys belonging to *Nero*;"

»Fil-konsiderazzjonijiet tiegħu l-espert jgħid: "*Now whether* Rema *chose to satisfy that debt through the payment of the moneys already in escrow under the escrow agreement or through other moneys is nothing to the point of the particular question. It was the existence of the debt, canonised in a final arbitral award which put* Rema *in possession of moneys belonging to* Nero*. The simple answer to the Court's second question is therefore Yes: as of August 13 2015* Rema *had come to have in its possession moneys belonging to* Nero*."*

»Q. 3: "Jekk *Rema Maritime Limited* kienet [*recte*, kinitx] obbligata skont il-liġi ingliża li tħallas l-ammont likwidat *b'lodo* arbitrali finali bejnha u bejn id-debitur, konsistenti fi flus depożitati f'kont *escrow* jew jekk setgħetx iżżomm il-flus milli jitħallsu lid-debitur u tikseb ir-reverżjoni tagħhom.

»R: "(iii) the answer here is as follows:

»"(a) *Rema* were not bound to use funds held in the escrow account in discharge of their obligation to pay *Nero* under the time-charterparty award: they could have so discharged using any moneys held by them; but

»"(b) Once a request for payment was made by *Nero's* London lawyers for payment from the escrow account, *Rema* were in no position to restrain such payment from the escrow account;"

»Q. 4. "Min jitqies li hu s-sid/pussessur tal-kont *escrow* u tal-flus hemm depożitati – *Rema Maritime Limited* jew *Nemo Shipmanagement Limited* – malli l-*lodo* isir esekuttiv."

»R: "(iv) the answer here is as follows:

»"(a) from the time funds were deposited in the escrow account to 30 August 2015 the legal interest in the funds stood with *North*, subject to the equitable interest of *Rema* and subject to a contingent equitable interest of *Nero*;

»"(b) from 30 Deċember to 5 January, the legal interest stood with *North* subjeċt to *Nero*'s equitable interest;

»"(c) from 5 January onwards, legal interest remained with *North* subject to *Rema's* equitable interest in the residue;"

»… … …

»Illi d-difensur tas-soċjetà rikorrenti, fit-trattazzjoni orali, irrefera għall-fatt li kemm *Rema* kif ukoll is-soċjetà debitriċi żammew mistur il-fatt tal-*escrow agreement.* Dan ippriva lill-kreditur minn rimedju applikabbli għalih fl-Ingilterra biex jintervjeni u iwaqqaf il-pagament milli jsir u, minflok, il-flejjes kienu jiġu depożitati taħt l-awtorità tal-qorti ingliża.

»Min-naħa l-ohra, ġie ribadit mill-avukat tas-sekwestratarja li *Rema* kienet marbuta mat-termini tal-*escrow agreement* u ma setgħetx timpedixxi li jsir il-pagament lil *Nero*.

»Illi d-dati determinanti għall-fini tal-ezerċizzju odjern huma s-segwenti:

| | |
|---|---|
| »6 ta' Lulju 2015 | - ħruġ tal-mandat ta' sekwestru; |
| »10 ta' Lulju 2015 | - notifika lil *Rema* bħala sekwestratarja; |
| »10 ta' Lulju 2015 | - nota ta' *Rema* li m'għandhiex fil-pussess tagħha flus u hwejjeg appartenenti lid-debitur *Nero*; |
| »13 ta' Awissu 2015 | - l-ewwel *lodo* arbitrali (*time-charter-party award*) dwar is-*sorte* dovut minn *Rema* lil *Nero* likwidat fl-ammont ta' USD 252,864.35; |
| »19 ta' Ottubru 2015 | - rikors ta' *Seaboard*, is-soċjetà sekwestranti, sabiex tottjeni informazzjoni dwar l-i*status* tal-proċeduri arbitrali fl-Ingilterra bejn *Rema* u *Nero*; |
| »21 ta' Diċembru 2015 | - it-tieni *lodo* arbitrali dwar l-Ispejjeż ("*the costs award*"); |
| »30 ta' Diċembru 2015 | - sejha mill-avukati ta' *Nero* bħala kreditur kanonizzat bid-deċizjonijiet arbitrali finali surriferiti, magħmula lill-*escrow agent*, *North*, sabiex irodd il-pagamenti dovuti skont il-patti u kondizzjonijiet tal-*escrow agreement* miftiehem bejn il-partijiet *Rema* u *Nero* fis-7 ta' Ottubru 2011; |
| »5 ta' Jannar 2016 | - pagament minn *North* favur *Nero* tas-somma ta' USD431,222.58; |
| »12 ta' Jannar 2016 | - digriet ta' din il-qorti fuq ir-rikors tad-19 ta' Ottubru 2015; |
| »21 ta' Jannar 2016 | - ċedola ta' depożitu minn *Rema* ta' €26,289.91 rapprezentanti l-bilanċ rimanenti fl-*escrow account* wara li ġie effettwat il-pagament minn *North* lil *Nero*; |
| »29 ta' April 2016 | - ir-rikors odjern abbażi tal-artikolu 378 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. |

»Illi d-difensuri tal-partijiet applikaw ħafna sforzi biex jagħtu l-interpretazzjonijiet rispettivi tagħhom fir-rigward tal-*escrow account* skont il-liġi ingliża tant li ssottomettew opinjonijiet *ex parte* ta' diversi esperti legali fir-rigward. Din il-qorti, sabiex tindirizza l-eċċezzjonijiet sollevati minn *Rema* riferibbilment għall-*escrow account,* innominat espert tagħha, il-Professur Charles Debattista, magħżul bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet.

»Illi l-Professur Debattista ppreżenta r-rapport tiegħu, li din il-qorti ser taddotta fl-intier tiegħu u tagħmlu tagħha. Għalkemm it-tema trattata hija tema legali, il-materja hija waħda speċjalizzata in kwantu tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' liġi estera meqjusa applikabbli għar-relazzjonijiet ġuridiċi bejn is-sekwestratarju u s-sekwestrat kif ukoll ftehim redatt fejn il-liġi applikabbli hija dik tar-Renju Unit. Din il-qorti hija soddisfatta bil-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-Professur Debattista.

»Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in ezami, din il-qorti l-ewwel u qabel kollox hija tal-fehma li hija l-liġi maltija li għandha tirregola l-obbligazzjonijiet tas-sekwestratarja kif imfissra fil-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u tal-Proċedura Ċivili.

»Jirriżulta li *Rema* kienet notifikata bil-mandat ta' sekwestru esekuttiv fl-10 ta' Lulju 2015. Fil-mument tan-notifika, il-proċeduri arbitrali naxxenti mil-litiġju bejn *Rema* u *Nero* kienu għadhom ma ġewx terminati. Il-*lodo* arbitrali finali ġie ippubblikat fit-13 ta' Awwissu 2015, u *cioè* sussegwentement għall-ħruġ u għan-notifika tal-mandat. Permezz tad-deċizjoni msemmija, is-soċjetà *Rema Maritime Limited* ġiet ordnata tħallas lis-soċjetà *Nero Shipmanagement Limited*, id-debitur sekwestrat, is-somma ta' USD 252,864.35 *sorte*. Fil-21 ta' Diċembru 2015 *Rema* ġiet ikkundannata tħallas ammont addizzjonali bħala *costs award*

»Illi din il-qorti hija tal-fehma li l-kwistjoni tirrisolvi ruħha f'mistoqsija waħda, sempliċi, u *cioè*, jekk *Rema* kellha [*recte* kellhiex] l-obbligu, indipendentement mill-obbliġi assunti minnha permezz tal-*escrow agreement*, tiddepożita s-somma li kienet ġiet ikkundannata tħallas permezz tal-istess *final arbitration award* sal-limitu tal-ammont kawtelat permezz tal-mandat odjern. Jekk iva, allura l-konsiderazzjonijiet dwar l-effetti ġuridiċi tal-*escrow* huma estranei għal din il-vertenza. Jekk fin-negattiv, japplika l-kuntrarju.

»… … … l-iskop tal-mandat ta' sekwestru huwa biex jimpedixxi lis-sekwestratarju, lit-terz notifikat bil-mandat, milli jgħaddi flejjes u ħwejjeġ lid-debitur sekwestrat. … … … M'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li fil-mument li *Nero* ġie kanonizzat kreditur kontra *Rema*, b'effett tal-ewwel *lodo* arbitrali mogħti fit-13 ta' Awissu 2013, *Rema* kienet fil pussess ta' flejjes dovuti lil *Nero*.

»Hekk ukoll ikkonkluda l-Espert Legali fit-twegiba tiegħu għat-tieni domanda:

> »"after 13 August 2015, *Rema* was in possession of moneys belonging to *Nero*."

»Illi għalhekk sussegwentement għan-notifika tal-mandat, *Rema* giet kostitwita debitriċi tas-soċjetà *Nero* u kwindi soġġett għall-effetti tal-mandat *qua* sekwestratarja … … … Il-mandat kien għadu jseħħ meta ġiet ippubblikata d-deċiżjoni arbitrali u kwindi l-obbligu ta' *Rema* naxxenti mill-ordnijiet magħmula fil-mandat li jiddepożita l-flejjes dovuti kien validu u effettiv.

»Illi impost f'dawn it-termini, l-effetti ta' ftehim ta' *escrow* konkluża bejn is-sekwestratarja u d-debitur fis-7 ta' Ottubru 2011 m'għandhom ikollhom l-ebda rilevanza għar-relazzjonijiet bejn is-sekwestranti, *Seaboard*, u s-sekwestratarju *Rema*, bl-esekuzzjoni tal-mandat premess. Dak il-ftehim seħħ għall-fini tar-rilaxx ta' bastiment proprjetà ta' *Rema* mill-effetti ta' mandat ta' arrest li kien ġie esegwit minn *Nero*. B'effett ta' dak il-ftehim *Rema* iddepożitat is-somma ta' USD459,988.58 f'*escrow account* f'idejn is-soċjetà *North of England P & I Assoċiation Limited* bħala *escrow agent*.

»Jirrizulta mhux ikkontestat mill-atti li fit-30 ta' Diċembru 2015 l-avukati rappreżentanti lil *Nero* interpellaw għall-ħlas tal-ammont depożitat fl-*escrow account* kif pattwit fl-istess ftehim u *North* sussegwentement

ittrasferixxa l-ammont ta' USD 431,222.58 lil *Nero* fil-5 ta' Jannar 2016.

»Ikkonsidrat li l-ftehim ta' *escrow* huwa *res inter alios acta* għas-soċjetà kreditriċi, rikorrenti f'dawn l-atti. *Rema* lanqas kienet obbligata li tħallas il-kreditu dovut lil *Nero* mill-ammont depożitat fil-kont *escrow* peress li l-obbligazzjoni għall-ħlas ġiet kanonizzata fid-deċiżjoni arbitrali u ma ġietx ikkostitwita bil-ftehim tal-*escrow. Rema* setgħet issalda l-kreditu dovut minn flejjes oħra. Difatti l-istess espert ikkonstata li s-somma ta' €26,289.91 li eventwalment ġiet depożitata minn *Rema* fl-atti tal-mandat ma nħarġitx mill-bilanċ rimanenti fl-*escrow account* imma minn fondi oħra.

»Hija immaterjali għall-vertenza odjerna li kien hemm talba għall-ħlas mill-avukati ta' *Nero* lil *North* (l-*escrow agent)*. Kif fuq ritenut, il-ftehim kien jikkostitwixxi *res inter alios acta* għall-*Seaboard*. Dwar l-esekuzzjoni tal-ftehim minn *Nero* permezz tat-talba għall-ħlas li saret lill-aġent, l-espert jikkummenta hekk:

> »"Indeed not only did *Rema* not object to the payment made at *Nero's* request, but it paid into the Maltese Courts a sum of money outside the escrow funds with a view to making up the deficit between what *North* had paid *Nero* and the amount awarded in the *time charterparty award*."

»Illi *inoltre* l-*escrow agent* kien qed jaġixxi għan-nom ta' *Rema* meta effettwa il-pagament lil *Nero*. Hekk jikkonkludi l-espert fejn fil-paragrafu 33 tar-rapport jgħid "*I have no hesitation in agreeing with Mr Ryan's view that* North *was indeed* Rema's *agent for the reasons given in para 40 of his first expert report*". Ir-rapport tal-Avukat Ryan jinsab esebit *a fol. 77 et seq* tal-proċess fejn jgħid b'mod partikolari:

> »"40.3. The fact that payment by the escrow agent is envisaged to satisfy the indebtedness of *Rema* to *Nero* in order for this to work, the *escrow agent* must be acting as agent to *Rema* when making payment to *Nero*."

»Wara analiżi tal-patti u kondizzjonijiet imfissra fil-ftehim, l-espert jikkonkludi li l-obbligu impost fuq l-agent, *North*, li jħallas lil *Nero* jitwieled mhux mid-deċiżjoni arbitrali imma minn talba għall-ħlas. Tant li xejn ma kien josta għal *Rema* li jeffettwaw il-hlas bi flejjes oħra u mhux dawk depożitati bħala garanzija ma' *North*.

»B'hekk ikkonkluda li sat-30 ta' Diċembru 2015 *Rema* kien għad kellha *an equitable interest* fis-somma depożitata bħala garanzija mal-*escrow agent* billi sat-30 ta' Diċembru 2015 kienet għadha ma saritx talba għall-ħlas mill-avukati ta' *Nero*.

»Illi din il-qorti taqbel li l-kreditu ta' *Nero*, u kwindi l-obbligu korrispettiv tal-ħlas tas-soċjetà *Rema*, ġiet kanonizzata b'effett tas-sentenza arbitrali finali u mhux b'effett tal-ftehim tal-*escrow.* Malli tali sentenza ġiet ippubblikata fit-13 ta' Awissu 2015, *Rema* kellha l-obbligu taħt il-mandat ta' sekwestru li twieġeb għas-sejha ordnata mill-qorti b'effett tal-mandat billi tiddepożita taħt l-awtorità tal-qorti ammont sal-limitu likwidat fil-mandat.

»Illi jsegwi li kull ma hu relatat mal-ftehim ta' *escrow* huwa estraneu għall-konsiderazzjonijiet li trid tagħmel din il-qorti billi l-kliem tal-liġi huma ċari u inekwivoċi u jimponu fuq is-sekwestratarju l-obbligu li

jiddepożita meta "jkun fil-pussess ta' flus jew ħwejjeġ oħra, ta' proprjetà tad-debitur, jew dovuti lid-debitur …" (art. 378 tal-Kap. 12).

»Ġjaldarba l-mandat *de quo* jikkostitwixxi ordni tal-qorti li jimpedixxi l-passaġġ ta' flus jew ħwejjeġ mis-sekwestratarju għas-sekwestrat, isegwi li *Rema Maritime Ltd* kienet minnufih, mal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni arbitrali, obbligata li ma tgħaddi l-ebda pagament lis-soċjetà intimata u, minflok, kienet obbligata tiddepożita tali somom taħt l-awtorità tal-qorti kompetenti f'Malta.

»Illi f'dan l-istadju din il-qorti tabilfors trid tikkummenta fuq in-nuqqasijiet murija minn *Rema* tul il-proċeduri fuq l-ewwel rikors fejn żammet lura milli tinforma lil din il-qorti bil-fatti kollha rilevanti. L-ewwel rikors tas-sekwestrant ġie ppreżentat fid-19 ta' Ottubru 2015. Minkejja li jirriżulta llum li l-*lodo* arbitrali dwar it-*time-charterparty agreement* kien ilu li ġie ppubblikat qabel, u *cioè* sa mit-13 ta' Awissu 2015, *Rema* baqgħet ma informatx lill-qorti b'dan. Anzi ġiet notifikata bir-rikors imsemmi fit-28 ta' Ottubru 2010, u fit-13 ta' Novembru 2015 wieġbet li l-proċeduri tal-arbitraġġ ġewwa Londra jitqiesu bħala kunfidenzjali bejn il-partijiet. Infatti sakemm din il qorti iddekretat dak ir-rikors fit-12 ta' Jannar 2016 kienet għadha żgwidata fis-sens li aġixxiet bil-ħsieb li l-proċeduri arbitrali kienu għadhom għaddejjin, tant li ordnat lil *Rema inter alia* "sabiex tiddepożita kopja legali tal-*lodo* arbitrali finali fl-atti ta' dan il-mandat fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mid-data li jingħata taħt sanzjoni ta' disprezz". Kien ċar li l-qorti kienet qed tagħmel din l-ordni *ad futuram.*

»Mhux talli l-arbitraġġ kien ġà ġie finalizzat meta ngħata d-digriet premess, imma saħansitra kien ġà finali meta *Rema* ppreżentat ir-risposta tagħha fit-13 ta' Novembru 2015. Għaddew ben 4 xhur minn meta *Nero* ġie aggudikat kreditur finali kontra *Rema* u f'dan it-terminu *Rema* ma għamlet xejn biex tottempera ruħha mal-obbligazzjonijiet tagħha taht il-liġi maltija. Anzi ħalliet iż-żmien jgħaddi inutilment u kien biss wara li ngħata d-digriet tat-12 ta' Jannar 2016, fejn allura ngħatat ordni taħt sanzjoni għad-disprezz, li żvelat l-eżitu tal-proċeduri tal-arbitraġġ.

»Illi bid-digriet tat-12 ta' Jannar 2016 *Rema* ġiet imfakkra fl-obbligu tagħha li tiddepożita s-somom li talvolta tiġi kkundannata tħallas lid-debitur sekwestrat skont il-liġi *entro* l-limiti tas-somma kawtelata bil-mandat premess. Fir-realtà, jirriżulta llum li l-ħlas kien ġà sar, fil-mori tal-proċeduri fuq l-ewwel rikors qabel ma ngħata d-digriet imsemmi.

»Illi kif ikkummenta l-espert ma jirriżultax li *Rema* opponiet għas-sejħa ta' ħlas magħmul lill-*escrow agent* minn *Nero*. Din il-qorti żżid li lanqas ma jirriżulta li ħadet xi proċeduri biex tikkawtela l-posizzjoni tagħha kemm f'Malta kif ukoll f'Londra.

»Għaldaqstant dan kollu premess din il-qorti ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tas-sekwestrant.

»Ikkonsidrat li l-mandat ta' sekwestru premess inħareg fuq ammont ta' €213,689.46 filwaqt li ġew depożitati €26,289.91 permezz taċ-ċedola ta' depożitu 97/16 datat nhar il-21 ta' Jannar 2016. B'hekk fadal bilanċ ta' €187,399.55. Din is-somma hija inferjuri għall-ammont kanonizzat favur *Nero* u għaldaqstant huwa milqut bl-effetti tal-mandat fl-intier tiegħu. L-imgħaxijiet ser jiddekorru mit-13 ta' Awissu 2015 li hija d-

data tal-ewwel *lodo* arbitrali għas-*sorte*, liema ammont ikopri l-ammont sħiħ likwidat fil-mandat.

»Illi għal dak li jirrigwarda s-soċjetà debitriċi *Nero Shipmanagement Limited*, huwa evidenti li l-vertenza odjerna tirrigwarda r-relazzjoni legali bejn is-sekwestrant u s-sekwestratarju. Id-debitur huwa ċċitat f'dan il-ġudizzju *stante* li huwa parti fil-mandat ta' sekwestru in mertu. Madanakollu m'għandux [*recte*, ma għandu] ikun addebitat bl-ebda spejjeż u l-qorti ser tiddisponi f'dan is-sens.

»Illi *Rema* eċċepiet li d-deċizjoni ta' din l-onorabbli qorti, diversament preseduta, hija wkoll *ultra petita stante* illi r-rikors tas-soċjetà rikorrent tad-19 t'Ottubru 2015 li abbażi tiegħu ngħata dak id-digriet tat-12 ta' Jannar 2016 kien jikkontjeni biss talbiet biex is-soċjetà esponenti tiżvela informazzjoni dwar l-arbitaġġ u ma kien fih l-ebda talba għal kundanna tas-soċjetà esponenti biex tiddepożita xi flus. Għalhekk it-trattazzjoni kienet biss dwar il-konfidenzjalità *o meno* tal-proċeduri ta' arbitraġġ fl-Ingilterra li huma soġġetti għall-liġi ingliża.

»Illi dwar din l-eċċezzjoni din il-qorti hija llum adita b'talba sabiex *Rema* tiġi ordnata tiddepożita l-flus skont il-mandat. Għalhekk dak provvdut fit-12 ta' Jannar 2016 rigward ordni ta' depożitu huwa llum sorvolat bl-ordni li ser tingħata llum stess. Kwindi ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni.

»Illi għalhekk għal dawn il-motivi din il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi, fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà *Rema* bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà *Nero Shipmanagement Limited*, u tilqa' wkoll it-talbiet tar-rikorrent *nomine* u konsegwentement tordna lis-soċjetà *Rema Maritime Limited* bħala sekwestratarju fil-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 1087/15 fl-ismijiet premessi sabiex tiddepożita s-somma ta' mija u sebgħa u tmenin elf, tliet mija u disgħa u disgħin euro u ħamsa u ħamsin ċentezmu (€187,399.55) rappreżentanti d-differenza bejn is-somma tal-mandat ta' sekwestru fuq premess u s-somma depożitata biċ-ċedola tal-21 ta' Jannar 2016, flimkien mal-imgħax dekorribbli mit-13 ta' Awissu 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

»L-ispejjeż kollha jitħallsu mis-soċjetà *Rema Maritime Limited*.«

6. *Rema* appellat b'rikors tal-5 ta' Novembru 2018 li għalih *Seaboard* wieġbet fit-3 ta' Diċembru 2018.

7. Fl-ewwel aggravju *Rema* tgħid illi hija ma kellhiex "pussess u kontroll tal-flus depożitati fl-*escrow account*". Kompliet tfisser l-aggravju hekk:

»L-ewwel aggravju huwa li l-ewwel onorabbli qorti filwaqt li qiset li l mandat ta' sekwestru odjern obbliga lis-soċjetà esponenti appellant! mal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni arbitrali fl-Ingilterra biex ma tgħaddi l-ebda pagament lis-soċjetà *Nero Shipmanagment Ltd*, hija ddikjarat li l-ftehim ta' *escrow* huwa irrilevanti għall-każ in eżami.

»… … …

»Ċertament dan jikkonsisti fi żball tal-ewwel onorabbli qorti għax kif jista' wieħed jorbot l-obbligu ta' *Rema* mal-*lodo* fil-proċeduri tal-arbitraġġ fl-Ingilterra, u fl-istess nifs jinjora kompletament il-ftehim ta' *escrow* marbut mal-istess proċeduri ta' arbitraġġ fl-Ingilterra?

»Bħala fatti wieħed għandu jsemmi l-fatt illi s-soċjetà esponenti appellanti kienet iddepożitat l-ammont ta' US$459,988.58 fl-*escrow account* l-Ingilterra ferm u ferm qabel ma r-rikorrenti *nomine* ottjeniet is-sekwestru esekuttiv.

»Illi dak iż-żmien kien hemm proċeduri ta' arbitraġġ Londra bejn is--soċjetà appellanti u s-soċjetà *Nero Shipmanagement Ltd* u dawn iż-żewġ soċjetajiet kienu daħlu *f'escrow agreement* fir-rigward tal-arbitraġġ fis-7 t'Ottubru 2011. L-*escrow agent* kienet is-soċjetà *North of England* P&I *Association Ltd* u l-*escrow agreement* kien soġġett għall-ġurisdizzjoni tal-*English High Court of Justice* u tal-liġi ingliża.

»Fil-fatt is-soċjetà appellanti iddepożitat il-flus fil-kont bankarju indikat fl-*escrow agreement* f'Ottubru 2011, jiġifieri erba' snin qabel ma r-rikorrent *nomine* appellat ottjena s-sekwestru esekuttiv odjern.

»Illi l-ewwel klawsola, addirittura l-ewwel klawsola, tal-istess *escrow agreement* tgħid hekk:

> »"The Escrow Agent is hereby irrevocably instructed by the parties to act in accordanċe with the terms described below, including the making of payments from the escrow account in accordanċe with this Agreement."

»Illi jsegwi għalhekk illi meta r-rikorrent *nomine* appellat otttjena s-sekwestru esekuttiv odjern fis-6 ta' Lulju 2015, is-soċjetà esponenti appellanti ma kinitx [*recte*, ma kienet] dovuta tħallas l-ebda flus lil *Nero Shipmanagment Ltd* għaliex ma kien hemm l-ebda *award* kontra tagħha u kwalunkwe flus li sussegwentement ġew dovuti lil *Nero Shipmanagement Ltd* kienu f'idejn l-*escrow agent North of England P& I Association Ltd* u skond il-liġi ingliża s-soċjetà esponenti appellanti ma kellha ebda kontroll fuqhom.

»Illi s-soċjetà esponenti appellanti ma setgħet qatt tirtira l-flus li kienet iddepożitat fl-*escrow account* erba' snin qabel, u anke kieku dana seta' b'xi mod iseħħ – li ma setax isir – kienet tispiċċa tissoġġetta ruħha għal danni inġenti taħt il-liġi ingliża quddiem l-*English High Court of Justice*. Is-sekwestratarju anke taħt il-ligi tagħna m'għandu l-ebda obbligu jissoġġetta ruħu għal danni sabiex jikkawtela xi dritt tas-sekwestrant. Hawn japplika wkoll il-prinċipju sagrosant ta' *nemo ad impossibilia tenetur*.

»Illi fil-fatt l-artikolu 375 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jittratta "flus jew ħaġa mobbli li jkunu jinsabu fidejn ħaddieħor" u l-artiklu 378 jitkellem fuq sekwestratarju li, għalkemm ikun fil-pussess ta' flus jew ħwejjeġ oħra ta' proprjetà tad-debitur, jew dovuti lid-debitur, li setgħu ġew issekwestrati bil-mandat … … …".

»*Stante* illi l-flus kienu f'*escrow account* u l-*escrow agent* kellu *irrevocable instructions* biex iħallas skond l-eżitu tal-arbitraġġ, ma jista'qatt jingħad illi l-flus kienu f'idejn jew fil-pussess tas-soċjetà esponenti appellanti.

»Tant hu hekk illi l-Professur Charles Debattista isostni fil-paragrafu 30 tar-rapport tiegħu illi s-soċjetà esponenti appellanti ma kellha l-ebda

mezz li tipprojbixxi lill-*escrow agent* milli tħallas il-flus mill-*escrow account* lil *Nero Shipmanagement Ltd*.

»Huwa jiddikjara hekk:

> »"30. For these reasons, it was therefore now, in terms of the *escrow agreement*, outside *Rema*'s power to restrain the release of the moneys requested by *Nero* without putting itself in breach of the escrow agreement."

»Għalhekk il-Professur Debattista stess isostni illi s-soċjetà esponenti appellanti ma setgħet tagħmel xejn biex twaqqaf lill-*escrow agent* milli jħallas lil *Nero Shipmanagment Ltd*. *Nonostante* li kollox jorbot ma' dan, dan ġie injorat mill-ewwel onorabbli qorti.

»Illi … l-ewwel onorabbli qorti tirriferi għat-tweġiba ta' Prof. Debattista għat-tieni domanda tagħha li "*after 13 August 2015,* Rema *was in possession of moneys belonging to* Nero". … … … Prof. Debattista jispjega illi "*It was the existence of the debt, canonised in a fina Arbitral award, which put* Rema *in possession of moneys belonging to* Nero". Però l-fatt li kellha dejn versu *Nero* li kien garantit bid-depożitu fl-*escrow account*, magħmul mis-soċjetà esponenti appellanti erba' snin qabel il-ħruġ tal-mandat esekuttiv odjern, ma jfissix li kellha flus f'idejha jew fil-pussess tagħha tad-debitur (*Nero*) *ai termini* tal-artikoli 375 u 378 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-fatt li sussegwentement l-*escrow agent* ħallas lill-*Nero* mill-*escrow account* ma jitfa' l-ebda responsabiltà fuq is-soċjetà esponenti appellanti *stante* li kif igħid Prof. Debattista fil-paragrafu 30 is-soċjetà esponenti appellanti ma setgħetx twaqqaf lill-*escrow agent* milli jħallas lill-*Nero Shipmanagment Ltd*.

»L-istess għandu jingħad għar-rigward ta' dak li qalet l-ewwel onorabbli qorti … illi "l-*escrow agent* kien qed jagixxi għan-nom ta' *Rema* meta effettwa l-pagament lil *Nero*". Dan ma jfissirx però li s-soċjetà esponenti appellanti setgħet twaqqaf lill-*escrow agent* biex ma jħallasx lil *Nero*. Il-konferma ta' dan huwa l-paragrafu 30 tal-Prof. Debattista.

»L-ewwel onorabbli qorti tgħid ukoll b'mod erroneju … illi:

> »"Wara analiżi tal-patti u kondizzjonijiet imfissra fil-ftehim, l-espert jikkonkludi li l-obbligu impost fuq l-agent, *North*, li jhallas lil *Nero* jitwieled mhux mid-deċiżjoni arbitrali imma minn talba għall-ħlas. Tant li xejn ma kien josta għal *Rema* li jeffettwaw il-ħlas bi flejjes oħra u mhux dawk depożitati bħala garanzija ma' *North*."

»Hawnhekk wieħed ukoll għandu jirreferi għall-fatt kit intqal qabel illi s-soċjetà esponenti appellanti ma kellha l-ebda flus f'idejha jew fil-pussess tagħha tad-debitur (*Nero*) *ai termini* tal-artikoli 375 u 378 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kellha debitu garantit bil-flus depożitati ma' *North* imma ma kellhiex flus f'idejha jew fil-pussess tagħha kif trid il-liġi. Id-debitu tagħha kien garantit bid-depożitu li kienet għamlet erba' snin qabel fl-*escrow account*.«

8. *Seaboard* wieġbet hekk:

»Illi b'referenza parċikolari għall-ewwel aggravju, is-soċjetà appellanti (*Rema*) hija selettiva ħafna dwar dak li tagħżel li tagħmel tagħha mir-relazzjoni tal-perit ġudizzjarju mqabbad mill-ewwel onorabbli qorti;

però l-partijiet rilevanti mill-istess rapport, li fuqhom effettivament l-ewwel onorabbli qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha, *Rema* għażlet li tinjorahom u dana a skapitu tagħha.

»… … …

»L-esperti *ex parte*, appuntati rispettivament mill-partijiet, qablu fuq numru ta' punti, imma kellhom opinjoni differenti fuq diversi kwistjonijiet importanti. Naturalment, l-espert imqabbad minn dina l-onorabbli qorti … (l-"espert tekniku") esprima opinjoni anke fuq dawn il-punti fejn teżisti diverġenza ta' opinjoni bejn l-esperti *ex parte*.

Il-kwistjonijiet prinċipali ta' qbil bejn l-esperti *ex parte* … jinkludu b'mod partikolari l-fatt li l-*escrow agent* in kwistjoni ("*North*") kien il-mandatarju ta' *Rema*, li kien ifisser li "North*'s act in paying* Nero *is to be considered to be* Rema*'s act*." Din hija kwistjoni tad-dritt ingliż, però kif jippuntwalizza l-perit tekniku … dina hija kwistjoni rilevanti għall-"*critical question*" jekk skond id-dritt malti b'dak il-pagament *Rema* kisritx jew le l-obbligi tagħha bħala sekwestratarju, naxxenti mill-mandat ta' sekwestru in kwistjoni.

»Kien hemm ukoll qbil bejn l-esperti *ex parte* … relativament għall-passi legali li kieku setgħet tieħu *Seaboard* ġewwa l-Ingilterra li kieku kienet taf bl-*escrow agreement*. B'mod partikolari, … "*had such an order* [*a third party debt order*] *been obtained and had* Rema *and/or the escrow agent made payment to* Seaboard *pursuant to the terms of such order,* Rema*'s indebtedness to* Nero *would have been satisfied to the extent of such payment and* Rema *would not be open to any further or duplicate liability to* Nero".

»… … … [I]l-perit tekniku jikkonferma li fit-13 ta' Awissu 2015 *Rema* kellha fil-pussess tagħha flus appartenenti lil *Nero*, u … l-espert tekniku jistqarr li *Rema* ma kinetx obbligata li tuża l-fondi fl-*escrow account* biex tħallas dak li kien dovut lil *Nero* taht it-*time-charter award*. L-espert tekniku jikkonkludi: *"so long as* Rema *effected payment somehow, then its duty under that award would be discharged*".

»Illi ta' min igħid ukoll illi l-ammont dovut lil *Nero* a tenur tal-*award* in kwistjoni fil-fatt thallas fis-6 ta' Jannar 2016, permezz ta' rilaxx ta' fondi mill-*escrow account* in segwitu talba li saret mill-avukati ta' *Nero* fit-30 ta' Diċembru 2015. … [L]-espert tekniku jistaqsi jekk *Rema* kellhiex l-għażla li żżomm ir-rilaxx ta' dawk l-ammonti mizmuma fl-istess *escrow account* ladarba kienet saret dik it-talba mi!!-avukati ta' *Nero*, kif irnsemmi hawn, u … jikkonkludi li *Rema* ma kinetx f'posizzjoni li żżomm ir-rilaxx ta' dawk l-istess ammonti.

»Madanakollu, il-kweżit magħmul mill-espert tekniku … huwa espress f'termini ftit iktar ristretti mill-kweżit imqajjem mill-ewwel onorabbli qorti … Fil-fatt il-kweżit ta' dina l-ewwel onorabbli qorti ma kienx limitat għall-perjodu wara li l-avukati ta' *Nero* kienu talbu lil *North* tirrilaxxa (favur *Nero*) il-fondi miżmuma fl-*escrow account* u *cioè* mit-30 ta' Diċembru 2015 'il quddiem. Fil-fatt, *Rema* kellha fil-pussess tagħha fondi appartenenti lil *Nero* mit-13 ta'Awissu 2015 (kif jistqarr l-espert tekniku …) u *Rema* ma kinetx obbligata li tuża dawk il-fondi f!-*escrow account* biex tħallas lil *Nero* (kif igħid l-istess espert tekniku …), u l-ewwel onorabbli qorti kkonsidrat il-posizzjoni ta' *Rema* fil-perjodu ta'

erba' xhur u nofs ta' qabel, bejn it-13 ta' Awissu 2015 u t-30 ta' Diċembru 2015.

»Għalkemm l-espert tekniku ma kkummentax speċifikatament fuq il-kweżit imsemmi fl-aħħar paragrafu suespost, ir-risposta hija ċara minn partijiet oħra tar-relazzjoni, u mill-atti l-oħra tal-kawża. B'mod partikolari, l-espert tekniku … jikkonferma (u l-klawżola 7.4 mill-*escrow agreement* espressament jipprovdi dan) li *Rema* kienet f'posizzjoni li tltlob li jiġu ritornati l-ammonti li jibqgħu fl-*escrow account* wara li jkun sar il-ħlas skond it-*time-charterparty award*. Dan ifisser … li f'kull waqt bejn it-13 ta' Awissu 2015 u t-30 ta' Diċembru 2015 *Rema* setgħet tottjeni r-rilaxx tal-fondi miżmuma fl-*escrow account* wara li tkun adempiet l-obbligu tagħha naxxenti mit-*time-charterparty award* b'mod ieħor – li kien jinkludi wkoll pagament li seta' jsir *ai termini* ta' *third party debt order* maħruġ minn qorti ingliża, li kieku *Seaboard* kienet taf bl-*escrow agreement* – jew pagament ekwivalenti a tenur tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, permezz ta' depożitu li jiġi debitament notifikat lil *Nero*.

»Il-konsiderazzjonijiet fl-aħħar paragrafu suespost hu każ ukoll rilevanti għall-kwistjoni jekk talba għal pagamenti taħt l-*escrow agreement* setgħet[x] issir minn waħda mill-partijiet jew jekk kellhiex issir mż-żewġ partijiet flimkien. L-espert tekniku jikkonsidra din il-kwistjoni u jqis li ma kienx hemm il-ħtieġa li tiġi indirizzata *stante* li *Rema* fil-fatt ma kinetx oġġezzjonat għat-talba tal-avukati ta' *Nero* li kienet saret f'Diċembru 2015 u, anke jekk kien hemm kondizzjoni fis-sens li t-talba lil *North* kellha ssir konġuntament mill-partijiet, dik il-kondizzjoni kienet ġiet *waived* mill-partijiet. Għal din ir-raġuni, l-espert tekniku … esprima biss opinjoni ipotetika għall-kwistjoni.

»F'dawn iċ-ċirkostanzi … *Rema* setgħet toġġezzjona (anke jekk fil-fatt ma oġġezzjonatx) għar-rilaxx tal-fondi jekk kellha raġuni valida li toġġezzjona, kif indubbjament fil-fatt kellha raġuni valida. L-iktar raġuni ovvja kienet l-eżistenza ta!-mandat ta' sekwestru in kwistjoni li kien ġie notifikat lil *Rema* gewwa Malta … … …

»… … … [L-]espert tekniku jikkonsidra l-kwistjoni ta' proprjetà tal-fondi miżmuma fl-*escrow account* bejn it-13 ta' Awissu 2015 u t-30 ta' Diċembru 2015. L-espert tekniku jikkonkludi li fil-perjodu msemmi *Rema* kellha "*a direct equitable interest in the funds*" (forma ta' proprjetà f'dawk il-fondi …). F'dan is-sens, l-espert tekniku jaqbel … li l-*proprietary interest* fil-fondi in kwistjoni ġie fi tmiemu mal-pagament ta' dawk il-fondi lil *North* fl-*escrow account*. L-espert tekniku jikkonferma wkoll illi l-*equitable interest* ta' *Nero* kien u baqa' wieħed kondizzjonali ("*contingent*") sakemm kien hemm talba għal pagament skond ir-rekwiżiti tal-klawzola 7.3 tal-*escrow agreement*.

» … … …[L]-espert tekniku jikkonsidra l-ipotesi li kieku *Rema* għażlet li tħallas lil *Nero* immedjatament wara li t-*time-charterparty award* kien mogħti fit-13 ta'Awissu 2015, billi tuża fondi li ma kinux dawk tal-*escrow account'*. L-espert tekniku jikkonferma li f'din l-ipotesi *North* (u *cioè* l-*escrow agent*) ma kienet tkun qatt taħt obbligu li tħallas lil *Nero*, jew fi kliem ieħor *Nero* ma kienet tottjeni qatt xi *equitable title* jew *equitable interest* relativament għall-fondi fl-istess *escrow account* u dawk il-fondi kienu jiġu ritornati lil *Rema*. Fil-fatt, din hija sitwazzjoni oħra li fiha *Rema* setgħet toġġezzjona għal talba unilaterali da parti *Nero* li titħallas mill-fondi fl-*escrow account*, u din il-konsiderazzjoni

issostni il-veduta … li *North* ma kienx obbligat li jirrilaxxa l-fondi mill-*escrow account* jekk mhux b'talba konġunta tal-kontraenti fl-*escrow agreement*.

»… … … [L]-espert tekniku … jagħmilha ċara li, ladarba ngħatat it-*time-charterparty award* f'Awissu tal-2015, *Rema* kellha għażla fuq kif kellha 'tirrispondi' għal dik id-deċiżjoni. Fl-għażla tagħha, *Rema*, bħala entità maltija li fl-10 ta'Lulju 2015 kienet ġiet notifikata b'mandat ta' sekwestru bħala sekwestratarja, maħruġ minn qorti maltija fis-6 ta' Lulju 2015, kellha tqis ukoll l-obbligi tagħha naxxenti mil-liġi.

»… … … [L]-espert tekniku jikkonferma b'mod ċar li *Rema* kellha "*an equitable interest*" fil-fondi miżmuma fl-*escrow account*, kif ukoll li *Rema* kienet fi!-pussess ta' fondi li kienu jappartjenu lll *Nero* sa mit-13 ta' Awissu, 2015, … … … Madankollu *Rema* għażlet li ma tieħu l-ebda azzjoni b'risposta għall-*award* u għall-mandat ta' sekwestru in kwistjoni. Minflok, *Rema* għażlet sempliċiment li tistenna lil *Nero* li tagħmel it-talba għall-ħlas mill-*escrow account*. *lnoltre*, meta *Nero* għamlet dik it-talba *Rema* għażlet li ma tagħmel l-ebda oġġezzjoni, għalkemm setgħet tagħmel oġġezzjoni kif spjegat hawn fuq.

»Tabilħaqq, wieħed jista' wkoll jissottometti illi *Rema* għamlet għażla konxja li ma tirrileva xejn dwar l-eżistenza tat-*time-charterparty award* jew dwar l-*escrow account*, kemm lil *Seaboard* kif ukoll lill-ewwel onorabbli qorti, fil-perjodu bejn Awissu u Diċembru tal-2015 u probabbli tat struzzjonijiet lil *North* (l-agent tagħha) sabiex lanqas jagħti dik l-informazzjoni. Dana minkejja l-fatt li kif jistqarr l-espert *ex parte* ta' *Rema* stess, hemm miżuri legali li *Seaboard* setgħet tieħu ġewwa l-Ingilterra sabiex tipproteġi l-posizzjoni tagħha, li kieku kienet taf bil-fatti kollha mingħajr ma tesponi lil *Rema* għal responsabilità (ta' ħlas) doppja.

»*Rema* ippruvat targumenta li minħabba l-eżistenza tal-*escrow agreement* hija effettivament ma kellhiex għażla fiċ-ċirkostanzi, u li kieku adempiet l-obbligi tagħha bħala sekwestratarja a tenur tal-mandat ta' sekwestru in kwisjoni kienet qiegħda tirriskja li tikser l-obbligi tagħha taħt l-istess *escrow agreement* u/jew tesponi lilha nnifisha għal responsabilità (ta' ħlas) doppja. Illi huwa ċar mir-relazzjoni tal-espert tekniku u l-evidenza sottomessa mill-partijiet li dan m'huwiex il-każ a tenur tad-dritt ingliż, u għalhekk hija l-umli fehma tal-esponenti li dina l-onorabbli qorti għandha tilqa' it-talbiet rikorrenti.«

9. Id-disposizzjonijiet tal-art. 378 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – li taħthom saret it-talba ta' *Seaboard* fil-każ tallum – japplikaw fil-każ illi s-sekwestratarju li jkun jew isir debitur tas-sekwestrat iħallas lis-sekwestrat wara n-notifika lilu tal-mandat ta' sekwestru. Fil-każ tallum għalhekk il-kwistjoni hija jekk *Rema*, is-sekwestratarja li saret debitriċi ta' *Nero*, is-sekwestrata, ħallsitx id-dejn

li kellha ma' *Nero* wara li kienet notifikata bil-mandat ta' sekwestru maħruġ fuq talba ta' *Seaboard*, is-sekwestranti.

10. Li *Rema* kienet debitriċi ta' *Nero* ma huwiex kontestat. Il-kwistjoni hija jekk ħallsitx dan id-dejn qabel jew wara n-notifika lilha tal-mandat ta' sekwestru. Jekk ħallset qabel, mela ma ntlaqtitx bil-mandat, għax f'dak il-waqt ma kellhiex f'idejha flus tas-sekwestrata; jekk ħallset wara, naqset milli tħares l-ordni mogħti lilha bil-mandat li ma tgħaddix f'idejn il-kreditur tagħha – *Nero* – flus li jinsabu f'idejha, *i.e.* f'idejn *Rema.*

11. It-tweġiba għal din il-mistoqsija tiddependi fuq l-interpretazzjoni tal-*escrow agreement* – forma ta' sekwestru konvenzjonali – li kien sar bejn *Rema*, *Nero* u l-*escrow agent*, jew sekwestratarju konvenzjonali, fis-7 ta' Ottubru 2011. Il-pattjiet ta' dan il-ftehim li huma relevanti għall-għanijiet ta' dawn il-proċeduri tallum huma dawn:

> »1. The Escrow Agent is hereby irrevocably instructed by the Parties to act in accordance with the terms described below, including the making of payments from the Escrow Account in accordance with this Agreement.
>
> »… … …
>
> »7. The Escrow Fund shall be distributed as follows:
>
> »7.1 In the event of a justified written request by the Escrow Agent to do so, the Parties shall within 7 days of such request give instructions to the Escrow Agent for distribution of the Escrow Fund to any one or more of the Parties.
>
> »7.2 In the event of a written agreement between the Parties for settlement of the Claims under the Charterparty, the Escrow Agent shall upon written request to do so, pay the Escrow Fund in accordance with the terms of the written settlement agreement.
>
> »7.3 In the event that a final, or interim final arbitral award or judgment in respect of liability for the Claims or any part of them is issued in the Charterparty reference, and only after

all appeals have been exhausted (if any), the Escrow Agent shall upon written request to do so, pay from the Escrow Account to Charterers [*Nero*] such awarded sum or sums without account of any set off in respect of principal and interest in full or partial satisfaction of any arbitral award, judgment or appeal as the case may be in respect of the claims.

»7.4 In the event that there remains any sum in the Escrow Account having satisfied any and all final unappealable award(s) or judgment(s) in respect of the Claims arising under the charterparty, or in the event that any award, or judgment made rejects Charterers' claims totally, and only after all appeals have been exhausted (if any), the Escrow Agent shall upon written request to do so, after the applicable deposit interest period, pay all remaining sums held in the Escrow Account to Owners [*Rema*].«

12. L-espert maħtur mill-ewwel qorti biex jirrelata fuq il-liġi ingliża dwar *escrow accounts*, mistoqsi mill-ewwel qorti jekk *Rema* "setgħetx iżżomm il-flus milli jitħallsu lid-debitur u tikseb ir-reverżjoni tagħhom" wieġeb illi "*Once a request for payment was made by* Nero*'s London lawyers for payment from the escrow account,* Rema *were in no position to restrain such payment from the escrow account*". Ma' dan għandu jiżdied ukoll illi lanqas qabel ma saret is-sejħa minn *Nero* ma setgħet *Rema* tagħti struzzjonijiet differenti minn dawk mogħtija lill-*escrow agent* fl-*escrow agreement*, għax iż-żewġ ipotesijiet relativi għat-tqassim tal-flus qabel il-*lodo* arbitrali kontemplati fil-para. 7.1 u 7.2 tal-*escrow agreement* jeħtieġu struzzjonijiet min *Rema* u *Nero* flimkien, u ebda waħda minnhom ma setgħet, weħedha, tagħti struzzjonijiet oħra lill-*escrow agent*.

13. Effettivament, mela, *Rema* ħallset id-dejn tagħha lil *Nero* meta iddepożitat il-flus fl-*escrow account*, *i.e.* qabel ma ġiet notifkata bil-mandat ta' sekwestru. Il-ħlas kien soġġett għal kondizzjoni sospensiva illi l-*lodo* jikkanonizza lil *Nero* bħala kreditur, iżda ladarba seħħet dik il-

kondizzjoni – u l-kondizzjoni meta sseħħ għandha effett retroattiv[1] u għalhekk il-ħlas jitqies li seħħ meta sar id-depożitu minn *Rema* fl-*escrow account* – id-dejn tħallas. Mela dak li għamlet *Rema* biex il-flus igħaddu f'idejn *Nero* seħħ meta għamlet id-depożitu fl-*escrow account* u għalhekk qabel ma ġiet notifikata bil-mandat ta' sekwestru.

14. Dak li wassal lill-ewwel qorti għal konklużjoni li, fil-fehma ta' din il-qorti, hija żbaljata kienu xi osservazzjonijiet li għamel l-espert fuq il-liġi ingliża.

15. L-ewwel osservazzjoni kienet illi meta *North*, l-*escrow agent*, ħallas lil *Nero*, "North *was indeed* Rema's *agent*". Dan huwa minnu għax il-ħlas sar fl-interess ta' *Rema* biex tħallas dejn tagħha, iżda ma jibdilx il-fatt (i) illi għalkemm l-*escrow agent* kien "*agent*" jew mandatarju ta' *Rema*, *Rema* ma setgħetx tħassar il-mandat[2] għax il-mandat ma ngħatax minnha weħedha u l-istruzzjonijiet lill-mandatarju ngħataw "*irrevocably*", u (ii) illi, għar-raġuni mogħtija fil-paragrafi ta' qabel dan, il-ħlas minn *Rema*, għalkemm taħt kondizzjoni sospensiva, sar meta sar id-depożitu fl-*escrow account* u mhux meta l-flus għaddew minn *North* lil *Nero*.

16. Osservazzjoni oħra tal-espert li fuqha tistrieħ *Seaboard* kienet dik illi *Rema* kellha interess – *equitable interest* – fil-flus depożitati ma' *North*. Dan huwa minnu għal żewġ raġunijiet: (i) għax il-flus kienu f'idejn *North* biex bihom tħallas *dejn* ta' *Rema* u *Rema* ovvjament

---

1 Art. 1061(1), Kod. Ċiv.

2 Mandat fis-sens ta' *mandatum* mhux il-mandat esekuttiv.

kellha interess illi l-flus jintużaw għal dak l-iskop jekk l-arbitraġġ imur kontra tagħha; u (ii) għax il-flus kellhom jintraddu lil *Rema* jekk l-arbitraġġ imur favur tagħha, jew jekk jifdal xi bilanċ wara li jitħallas id-dejn jekk l-arbitraġġ imur kontrieha[3]. Ma jfissirx iżda li *Rema* setgħet tagħmel li trid bil-flus sakemm kienu f'idejn *North*, jew tagħti lil *North* struzzjonijiet kontra dawk irrevokabilment mogħtija fl-*escrow agreement*.

17. Osservazzjoni oħra tal-espert li fuqha tistrieħ *Seaboard* hija illi *Rema* setgħet inqdiet bi flus oħra flok dawk depożitati fl-*escrow account* biex tħallas id-dejn kanonizzat favur *Nero*. Ċertament *Rema* setgħet għamlet hekk, u hekk żgur kienet tikser l-ordni mogħti bil-mandat ta' sekwestru! Iżda x'kienet tikseb b'hekk? Forsi kienet teħles il-flus miżmuma fl-*escrow account* – għalkemm xorta l-*escrow agent* kien x'aktarx jeħtieġ il-kunsens ta' *Nero* biex il-flus iroddhom lil *Rema* – biex tiddepożitahom fl-atti tas-sekwestru? Iżda għalfejn kellha tagħmel hekk meta, kif rajna, ma kellhiex flus ta' *Nero* f'idejha għax id-dejn li kellha lejn *Nero* ħallsitu, għalkemm taħt kondizzjoni sospensiva, meta iddepożitat il-flus fl-*escrow account*? Sakemm ma jkunx kiser l-ordni tal-qorti li ma jħallasx lis-sekwestrat wara – u mhux qabel – in-notifika tas-sekwestru, ma hemm ebda obbligu fuq is-sekwestratarju li jħallas darbtejn, li anzi hu ripunjanti għal kull sens ta' ġustizzja.

18. Tassew illi l-espert, fil-para. 21 tal-opinjoni tiegħu, igħid illi "*as from that date* [*i.e.* minn dakinhar li ngħata l-*lodo* arbitrali]*,* Rema *had*

3 Para. 46 tar-relazzjoni, *fol.* 273.

*moneys in its possession belonging to* Nero". Dan hu minnu fis-sens li *Nero* ġiet kanonizzata kreditriċi ta' *Rema* u għalhekk *Rema* kellha tħallas lil *Nero.* Ġà rajna, iżda, illi dan il-ħlas *Rema* kienet għamlitu qabel in-notifika tas-sekwestru, għalkemm il-ħlas sar taħt kondizzjoni li seħħet, b'effett retroattiv, biss meta ngħata l-*lodo*. Għalhekk, dak li kellu jsir min-naħa ta' *Rema* biex isir il-ħlas kien ġà sar, b'mod li *Rema* setgħet korrettement tgħid, meta notifikata bil-mandat, illi ma kellhiex flus ta' *Rema* f'idejha għax dawk il-flus kienet diġà ħallsithom.

19. Argument ieħor imressaq minn *Seaboard* huwa illi *Rema* "ma oġġezz-jonatx" għat-talba magħmula f'isem *Nero* lill-*escrow agent* sabiex dan iħallas id-dejn kanonizzat favur *Nero* mill-flus fl-*escrow account*.

20. Il-ħlas mill-*escrow agent* lil *Nero* sara taħt il-para. 7.3 tal-*escrow agreement* li jgħid illi wara li l-*lodo* arbitrali jsir finali l-*escrow agent* kellu jħallas lill-kreditur kanonizzat malli jitlob il-ħlas. Dwar dan l-espert ikkonferma illi "*once a request for payment was made by* Nero*'s London lawyers for payment from the escrow account,* Rema *were in no position to restrain such payment from the escrow account*". L-espert osserva illi interpretazzjoni korretta tal-para. 7.3 tal-ftehim hija illi talba unilaterali tal-kreditur tkun biżżejjed, u ma huwiex meħtieġ ukoll il-kunsens tad-debitur biex isir il-ħlas mill-*escrow account.* In-nuqqas ta' oġġezzjoni minn *Rema* għalhekk ma kellu ebda relevanza.

21. *Seaboard* tgħid ukoll illi *Rema* kien imissha qaltilha bil-flus fl-*escrow account* biex hi – *Seaboard* – tkun tista' tfittex rimedju taħt il-liġi ingliża biex taqbad dawk il-flus, u l-ewwel qorti wkoll ċanfret lil *Rema* talli ma

għamlitx hekk. Iżda l-obbligu tas-sekwestratarju hu li ma jħallasx lis-sekwestrat jekk ikollu f'idejh flus dovuti lis-sekwestrat, u mhux li jgħid lis-sekwestrant x'jista' jagħmel u fejn għandu jmur biex jitħallas.

22. Fil-fehma tal-qorti għalhekk l-aggravju ta' *Rema* għandu jintlaqa'. Billi dan huwa biżżejjed biex jintlaqa' l-appell ma jibqax meħtieġ illi l-qorti tqis ukoll it-tieni aggravju.

23. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar il-provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru 2018, u tiċħad it-talbiet magħmula minn *Seaboard* bir-rikors tad-29 ta' April 2016

24. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, għandha tħallashom *Seaboard.*

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr